MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 963/2000/1

**L.A.C CO. LIMITED**

**vs**

**Edward BORG BARTOLO**

## Il-Qorti:

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fis-17 ta’ Mejju, 2000, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, il-kumpannija attriċi talbet li din il-Qorti twaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet “*Edward Borġ Bartolo vs. Annunziato sive Lany Calleja f’isem is-soċjeta’ L.A.C Ltd.”* mogħtija fit-18 ta’ Frar, 2000, u dan sakemm tinqata’ l-kawża li l-istess kumpannija attriċi kienet ressqet dakinhar biex biha titlob li l-imsemmija kawża tinstama’ mill-ġdid wara li titħassar l-imsemmija sentenza;

Rat in-Nota ta’ l-Eċċezzjonijiet imressqa fid-9 ta’ Awwissu, 2000, li biha l-imħarrek laqa’ għat-talba attriċi billi qal li m’hemmx lok li l-eżekuzzjoni tas-sentenza titwaqqaf u għalhekk it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda;

Rat li l-kumpannija attriċi kienet ressqet il-kawża għar-ritrattazzjoni (Ċit. Nru. 964/00JRM) u din il-Qorti, kif presjeduta, semgħetha u qatgħetha fil-25 ta’ Settembru, 2003, billi ċaħdet it-talba attriċi;

Rat li, sadattant, b’degriet mogħti minnha fit-13 ta’ Marzu, 2002, kienet ordnat li **din** il-kawża tistenna l-eżitu tal-kawża l-oħra ta’ ritrattazzjoni;

Rat li l-kumpannija attriċi ressqet appell mis-sentenza mogħtija minn din il-Qorti li biha ċaħdet it-talba tagħha biex il-kawża tinstema’ mill-ġdid;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-lum li bih l-imħarrek għarraf lill-Qorti li b’sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-26 ta’ Mejju, 2006, l-appell imressaq mill-kumpannija attriċi ġie miċħud u s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fil-25 ta’ Settembru, 2003, kienet konfermata;

Illi għalhekk, fid-dawl ta’ dawn l-iżviluppi kollha, jiġi li s-sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) (Ċitazz. Nru. 1677/84) fit-18 ta’ Frar, 2000, saret definittivament ġudikat u ma hemm l-ebda proċedura oħra pendenti li żżommha milli tkun fis-seħħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda taqta’ u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tiċħad it-talba attriċi** bl-ispejjeż kontra tagħha.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------